# FIL-QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Ir-Repubblika ta Malta**
**vs.**
**Charles BORG**

**Att t Akkuża numru: 35/2022**

**Illum is-27 ta Lulju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-att ta' akkuża miġjuba fil-konfront ta' Charles BORG (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 0223473M) ta' 50 sena iben Paul Borg u Vincenza xebba Bondin imwieled Ħ'Attard nhar is-7 ta' Mejju 1973 residenti numru 17 Viceroy Apartments, Flat 7 Triq Dun Gorg Żammit, Birżebbuġia, Malta li ġie akkużat talli:

**<u>L-EWWEL (1) KAP</u>**

<u>Pussess Aggravat tal-pjanta Cannabis</u>

**<u>Il-fatti:</u>**

Illi nhar l-erbatax (14) ta’ Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019), għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta’ wara nofsinhar (3.30pm), il-Pulizija tal-iSkwadra ta’ Kontra d-Droga rċeviet informazzjoni kunfidenzjali li dakinhar stess ċertu individwu bl-isem ta’ Charles Borg (minn hawn ‘il quddiem f’dan l-Att t’Akkuża msejjaħ “l-akkużat”), kien ser jittraffika d-droga ġewwa s-Siġġiewi.

Illi dakinhar stess, il-Pulizija marru fl-inħawi tas-Siġġiewi sabiex jirrintraċċaw lill-akkużat Charles Borg li, skont l-istess informazzjoni kunfidenzjali, kien qed jagħmel użu minn vettura tal-għamla ‘Toyota IQ’ bin-numru ta’ reġistrazzjoni ‘JCA 476’. Illi ftit tal-ħin wara, l-istess membri tal-Iskwadra ta’ Kontra d-Droga ngħataw struzzjoni sabiex jirrintraċċaw vettura oħra, u cioè, dik tal-għamla ‘Chevrolet Matiz’ bin-numru ta’ reġistrazzjoni ‘KBH 873’.

Illi għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta’ wara nofsinhar (4.30pm), il-Pulizija rnexxielhom jidentifikaw il-vettura tal-għamla ‘Chevrolet Matiz’ li kienet qed tiġi misjuqa mill-akkużat Charles Borg u bdew isegwuha bil-vetturi tagħhom. Eventwalment, l-imsemmija vettura waqfet ġewwa Triq ir-Rebbiegħa, Siġġiewi, fejn hemmhekk il-Pulizija nnotaw lill-akkużat ħiereġ mill-vettura u ddeċidew li jwaqqfuh.

Illi minn tfittxija li saret ġewwa l-vettura li kien qed isuq l-akkużat Charles Borg, il-Pulizija sabu pakkett imdaqqas li kien jikkontjeni sustanza suspettata droga pjanta tal-Cannabis. Minn eżamijiet ulterjuri li saru minn espert forensiku maħtur mill-Qorti, irriżulta li din is-sustanza kienet tikkonsisti fi droga pjanta tal-Cannabis, fl-ammont ta’ ħmistax-il kilogramma u ħames mija u ħamsin gramma (15.550Kg).

Illi hekk kif instabet din id-droga, l-akkużat Charles Borg ġie arrestat fuq il-post fejn hemmhekk huwa informa lill-Pulizija li kellu aktar droga ġewwa r-residenza tiegħu bl-indirizz ‘Crescent Point’, Maisonette 1, Triq il-Qajjieda, Siġġiewi.

Illi, sussegwentement, il-Pulizija flimkien mal-akkużat Charles Borg aċċedew fl-imsemmija residenza ġewwa s-Siġġiewi fejn hemmhekk il-Pulizija sabu aktar droga pjanta tal-Cannabis, fl-ammonti ta’ erbatax punt disa’ mija u tlettax-il gramma (14.913g) li nstabu ġewwa bott tal-ħġieġ u, kif

ukoll, wieħed u għoxrin punt żero ħamsa gramma (21.05g) li nstabu ġewwa borża tal-plastik.

Illi, minn eżamijiet forensiċi, ġie kkonfermat li l-ammont kumplessiv tad-droga pjanta tal-Cannabis misjuba fil-pussess tal-akkużat kien dak ta' ħmistax-il kilogramma u ħames mija u ħamsa u tmenin gramma (15.585Kg), b'purità medja ta' sebgħa punt ħamsa u ħamsin fil-mija (7.55%), u b'valur fis-suq estimat ta' mitejn u sitta u disgħin elf, mija u ħmistax-il ewro (€296,115).

Illi d-droga pjanta tal-Cannabis hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga pjanta tal-Cannabis jindikaw li d-droga in kwistjoni misjuba fil-pussess tal-akkużat Charles Borg ma kinitx maħsuba għall-użu personali tiegħu.

Illi d-droga pjanta tal-Cannabis misjuba fil-pussess tal-akkużat Charles Borg kienet ġewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ, u cioè, il-mużew tal-bniet fi Sqaq il-Qajjied, Siġġiewi.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016), per Maġistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D., liema sentenza hija definittiva, l-akkużat Charles Borg instab ħati u għalhekk huwa reċidiv.

**<u>Il-konsegwenzi:</u>**

Għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Charles Borg sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, hekk kif speċifikata u kkontrollata skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, b'dana illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu

u, kif ukoll, illi r-reat sar f'distanza jew ġewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ u, kif ukoll, illi irrenda ruħu reċidiv.

**<u>L-akkuża:</u>**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, a bażi tal-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar 'il fuq imsemmija, takkuża lill-imsemmi Charles Borg, ħati talli fl-erbatax (14)-il jum tax-xahar ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) u fil-jiem ta' qabel din id-data, ġewwa l-gżejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, hekk kif speċifikata u kkontrollata skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, b'dana illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu u, kif ukoll, illi r-reat sar f'distanza jew ġewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.

U billi l-akkużat Charles Borg instab ħati preċedentament permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema sentenza saret definittiva u li ma tistax tiġi mibdula, l-Avukat Ġenerali qed taddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva.

**<u>Il-piena mitluba:</u>**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali titlob illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkuzat Charles Borg reċidiv f'delitt u li huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk

misjuba ħatja, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2, 8(d), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26, tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 2, 9, u 16, tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati, u fl-Artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, 49, 50, u 533, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**<u>IT-TIENI (2) KAP</u>**

<u>Pussess Aggravat tar-Raża meħuda mill-pjanta Cannabis</u>

**<u>Il-fatti:</u>**

Illi hekk kif narrat fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att t'Akkuża, nhar l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-Pulizija rċeviet informazzjoni kunfidenzjali li dakinhar stess l-akkużat kien ser jittraffika d-droga ġewwa s-Siġġiewi. Sussegwentement, il-Pulizija marru fl-inħawi tas-Siġġiewi sabiex jirrintraċċaw lill-akkużat.

Illi għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (4.30pm), il-Pulizija identifikaw il-vettura tal-għamla 'Chevrolet Matiz' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'KBH 873', li kienet qed tiġi misjuqa mill-akkużat Charles Borg u bdew isegwuha bil-vetturi tagħhom. Eventwalment, l-akkużat waqaf ġewwa Triq ir-Rebbiegħa, Siġġiewi u, hekk kif ħareġ mill-vettura tiegħu, ġie interċettat mill-Pulizija li kienu qed isegwuh.

Illi minn tfittxija li saret ġewwa l-imsemmija vettura, il-Pulizija sabu pakkett imdaqqas kontenenti droga Cannabis u, konsegwentement, l-akkużat ġie arrestat fuq il-post. F'dak il-mument, l-akkużat Charles Borg informa lill-Pulizija li huwa kellu aktar droga ġewwa r-residenza tiegħu bl-indirizz 'Crescent Point', Maisonette 1, Triq il-Qajjieda, Siġġiewi.

Illi, sussegwentement, il-Pulizija flimkien mal-akkużat Charles Borg aċċedew f'din ir-residenza ġewwa s-Siġġiewi fejn hemmhekk sabu tlett (3) blokkok Raża meħuda mill-pjanta Cannabis li, minn eżamijiet forensiċi, irriżulta li l-ammont kumplessiv ta' din id-droga kien dak ta' mitejn u tmenin

punt seba’ mija erbgħa u tletin gramma (280.734g), b’purità medja ta’ tmienja punt disgħa u sittin fil-mija (8.69%), u b’valur fis-suq estimat ta’ sitt elef u tliet mija u sittax-il ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€6,316.51).

Illi d-droga Raża meħuda mill-pjanta Cannabis hija kkontrollata bil-liġi skont it-Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga Raża meħuda mill-pjanta Cannabis jindikaw li d-droga in kwistjoni misjuba fil-pussess tal-akkużat Charles Borg ma kinitx maħsuba għall-użu personali tiegħu.

Illi d-droga Raża meħuda mill-pjanta Cannabis misjuba fil-pussess tal-akkużat Charles Borg kienet ġewwa distanza ta’ mitt (100) metru mill-perimetru ta’ skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ, u cioè, il-mużew tal-bniet fi Sqaq il-Qajjied, Siġġiewi.

Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016), per Maġistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D., liema sentenza hija definittiva, l-akkużat Charles Borg instab ħati u għalhekk huwa reċidiv.

**<u>Il-konsegwenzi:</u>**

Għalhekk, b’għemilu, l-akkużat Charles Borg sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu r-Raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-Raża, hekk kif speċifikata u kkontrollata skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta’ xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, b’dana illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu u, kif ukoll, illi r-reat sar f’distanza jew ġewwa distanza ta’ mitt (100) metru mill-perimetru ta’ skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ u, kif ukoll, illi irrenda ruħu reċidiv.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, a bażi tal-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar 'il fuq imsemmija, takkuża lill-akkużat Charles Borg, ħati talli fl-erbatax (14)-il jum tax-xahar ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) u fil-jiem ta' qabel din id-data, ġewwa l-gżejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu ir-Raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-Raża, hekk kif speċifikata u kkontrollata skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu u, kif ukoll, illi r-reat sar f'distanza jew ġewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.

U billi l-akkużat Charles Borg instab ħati preċedentament permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema sentenza saret definittiva u li ma tistax tiġi mibdula, l-Avukat Ġenerali qed taddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali titlob illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Charles Borg reċidiv f'delitt u li huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26, tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 2, 9, u 16, tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati, u fl-Artikoli 17, 23, 23A,

23B, 23C, 31, 49, 50, u 533, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**<u>IT-TIELET (3) KAP</u>**

<u>Pussess Aggravat tad-droga Kokajina</u>

**<u>Il-fatti:</u>**

Illi hekk kif narrat fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuża, nhar l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-Pulizija rċeviet informazzjoni kunfidenzjali li dakinhar stess l-akkużat kien ser jittraffika d-droga ġewwa s-Siġġiewi. Sussegwentement, il-Pulizija marru fl-inħawi tas-Siġġiewi sabiex jirrintraċċaw lill-akkużat.

Illi għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (4.30pm), il-Pulizija identifikaw il-vettura tal-għamla 'Chevrolet Matiz' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'KBH 873', li kienet qed tiġi misjuqa mill-akkużat Charles Borg u bdew isegwuha bil-vetturi tagħhom. Eventwalment, l-akkużat waqaf ġewwa Triq ir-Rebbiegħa, Siġġiewi u, hekk kif ħareġ mill-vettura tiegħu, ġie interċettat mill-Pulizija li kienu qed isegwuh.

Illi minn tfittxija li saret ġewwa l-imsemmija vettura, il-Pulizija sabu pakkett imdaqqas kontenenti droga Cannabis u, konsegwentement, l-akkużat ġie arrestat fuq il-post. F'dak il-mument, l-akkużat Charles Borg informa lill-Pulizija li huwa kellu aktar droga ġewwa r-residenza tiegħu bl-indirizz 'Crescent Point', Maisonette 1, Triq il-Qajjieda, Siġġiewi.

Illi, sussegwentement, il-Pulizija flimkien mal-akkużat aċċedew f'din ir-residenza ġewwa s-Siġġiewi fejn hemmhekk sabu erba' (4) boroż kontenenti droga Kokajina li, minn minn eżamijiet forensiċi, irriżulta li l-ammont kumplessiv ta' din id-droga kien dak ta' wieħed u sebgħin punt mitejn tmienja u erbgħin gramma (71.248g), b'purità medja ta' disgħa u erbgħin punt tlieta fil-mija (49.3%), u b'valur fis-suq estimat ta' tmint elef tlett mija tmienja u sebgħin ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€8,378.85).

Illi d-droga Kokajina hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kapitolu 101 Liġijiet ta' Malta.

Illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga Kokajina jindikaw li d-droga in kwistjoni misjuba fil-pussess tal-akkużat Charles Borg ma kinitx maħsuba għall-użu personali tiegħu.

Illi d-droga Kokajina misjuba fil-pussess tal-akkużat Charles Borg kienet ġewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ, u cioè, il-mużew tal-bniet fi Sqaq il-Qajjied, Siġġiewi.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016), per Maġistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D., liema sentenza hija definittiva, l-akkużat Charles Borg instab ħati u għalhekk huwa reċidiv.

**<u>Il-konsegwenzi:</u>**

Għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Charles Borg sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokajina hekk kif speċifikata u kkontrollata skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, b'dana illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu u, kif ukoll, illi r-reat sar f'distanza jew ġewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ u, kif ukoll, illi irrenda ruħu reċidiv.

**<u>L-akkuża:</u>**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubbblika ta' Malta, a bażi tal-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar 'il fuq imsemmija, takkuża lill-akkużat Charles Borg, ħati talli fl-erbatax (14)-il jum tax-xahar ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) u fil-jiem ta' qabel din id-data, ġewwa l-gżejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokajina

hekk kif skedata taħt Taqsima 1 tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu u, kif ukoll, illi r-reat sar f'distanza jew ġewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.

U billi l-akkużat Charles Borg instab ħati preċedentament permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema sentenza saret definittiva u li ma tistax tiġi mibdula, l-Avukat Ġenerali qed taddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentment, l-Avukat Generali titlob illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Charles Borg reċediv f'delitt u li huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329,37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax -il elf, erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjetaċ mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikolu 2, 9, 10(1), 12, 20, 22(1) (a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26, tal—Ordinanza dwaqr il-Mediċini Perikolużi, kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regolu 2, 9, u 16, tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati, u fl-Artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, 49, 50, u 533, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari ppreżentata mill-akkużat BORG nhar il-21 ta Diċembru 2022 fejn huwa eċċepixxa s-segwenti:

1) Illi l-eccipjent jecepixxi n-nullita ta dawn il-proċeduri stante l-kunsens diffetuz mahrug mill-Avukat Generali.

Illi f dan ir-rigward jinghad li minn imkien mill-atti ma jirrizulta illi r-rikors pprezentat mill-Avukat Generali a folio 414 tal-process gie notifikat lill-imputat kif ordnat li jsir a folio 426 tal-process u jigi relevat ukoll li l-Artiklu 175 tal-Kap 12 ma kienx gie applikabbli ghall-kaz.

2) Illi l-esponent jecepixxi wkoll l-inammisibilita tar-rapport tal-espert Gilbert Mercieca u tad-deposizzjoni tieghu u kwalsiasi referenza ohra fl-atti ghal dak minnu riskontrat stante illi dak minnu ezaminat ma giex analizzat f laboratorju akkreditat.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet relattivament għal dawn l-eċċezzjonijiet preliminari;

**Ikkunsidrat**

1. Illi f'din **l-ewwel eċċezzjoni preliminari** l-akkużat qiegħed jeċċepixxi n-nullita' ta' dawn il-proċeduri minħabba li skont hu l-kunsens maħruġ mill-Avukat Ġenerali huwa difettuż. Huwa jilmenta li minn imkien mill-atti proċesswali ma jirriżulta illi r-rikors ippreżentat mill-Avukat Ġenerali a foljo 414 tal-proċess kien ġie notifikat lill-akkużat kif ordnat li jsir a foljo 426 tal-proċess u jirrileva wkoll li l-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx applikabbli għall-każ.

2. L-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

> Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), **skont kif jordna l-Avukat Ġenerali,**[1] u jekk tinsab ħatja teħel, għal kull reat - .....

3. Dan l-artikolu għalhekk jagħti lill-Avukat Ġenerali s-setgħa li jagħżel quddiem liema Qorti jkollu jiġi ġudikat il-ġudikabbli. Dan l-'ordni' tal-Avukat Ġenerali fih innifsu ma jiddeterminax il-prosegwibbilita' tal-kawża kontra l-ġudikabbli iżda jservi sabiex ifassal u jiddetermina l-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tkun imsejħa tiddeċiedi l-kawża. Fl-appell kriminali superjuri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta'**

[1] Enfasi miżjuda.

**Malta vs. Joseph Mifsud**[2] (liema deċiżjoni saret ukoll referenza għaliha fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Eduardo Navas Rios),**[3] ġie rilevat:

> L-ordni skond l-imsemmi artikolu 22(2) (of Chapter 101 in that case) jinhareg fil-bidu tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghall-iskop biss biex dik il-Qorti tkun tista' tirregola ruhha u tara ghandhiex tipprocedi bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew bhala Qorti Istruttorja fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet li jkunu jipotizzaw reat skond il-Kap.101. …. L-iskop ta' l-ordni … intlahaq meta l-Qorti Inferjuri (Sic!) pprocediet ghall-kumpilazzjoni, u gie ri-affermat bl-att ta' l-akkuza….li permezz tieghu akkuzi migjuba kontra Joseph Mifsud….effettivament tressqu quddiem il-Qorti Kriminali.

4. Bl-istess mod ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Andre Falzon u Sean Farrugia** deċiż nhar it-28 ta' Jannar 2022 fejn saret referenza wkoll għal appell superjuri tal-5 ta' Frar 1996 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Mifsud**:

> Il-funzjoni ta' l-Avukat Generali ai termini ta' l-artikolu 22 (2) tal-Kap. 101 tidhol fix-xena mhux bhala pre-rekwizit biex jigu istitwiti proceduri penali, bhalma huwa l-kaz ta', per ezempju, l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju fejn il-ligi trid u timponi illi qabel ma jkunu jistghu jinbdew il-proceduri, huwa rikjest sine qua non il-permes jew l-awtorizzazzjoni ta' l-Avukat Generali, izda bhala pre-rekwisit ghal dik li hija x-xelta ta' liema Qorti sejra tiggudika lillimputat jew akkuzat skond il-kaz. Dak li l-artikolu 22 (2) tal-Kap 101 jippreciza huwa illi l-Qorti li eventwalment sejra tiddecidi l-kaz ta' allegat ksur tad-disposizzjonijiet ta' dak il-Kap, ma jaghzilix l-imputat kif jista' jaghmel prattikament fil-kazijiet kollha kriminali, fejn jista jkun hemm ix-xelta prevista mil-ligi, izda jaghzilha l-Avukat Generali. Fil-kaz tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Pulizija ghandha dejjem id-diskrezzjoni li tmexxi u tipprezenta lil dak li jkun u takkuzah quddiem Qorti ta' kompetenza kriminali, pero', liema Qorti eventwalment se jkollha l-gurisdizzjoni illi tiddecidi dak il-kaz ma jiddependix mill-Pulizija, anqas mill-akkuzat, imma jiddependi esklusivament mill-Avukat General. Ebda awtorizzazzjoni mill-Avukat Generali m'hija rikjesta mil-ligi biex jinbdew il-proceduri u li dak li hemm previst mil-ligi hija d-diskrezzjoni assoluta ta' l-Avukat General li jiddecidi hu u mhux l-imputat mil-liema Qorti ser jigi ggudika l-istess imputat.

5. Il-proċess deċiżjonali li l-Avukat Ġenerali jkun irid jagħmel meta jiġi biex joħroġ tali ordni jistrieħ fuq analiżi tal-fatti li jiġu preżentati lilu kemm qabel ma jkunu nbdew il-proċeduri, kif ukoll waqt li dawk il-proċeduri li jkunu ġew mibdija. Jibda biex jingħad li l-kwistjoni ta' kompetenza tal-Qorti sabiex tiġġudika dawk il-kawżi marbuta ma' pussess u traffikar ta' droga bi ksur tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta'

---

[2] Deċiża nhar id-29 ta' Mejju 2008.
[3] Deicża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar l-20 ta' Jannar 2011.

Malta[4] - u allura wkoll il-poter tal-Avukat Ġenerali li jagħżel il-Qorti li tkun sejra tiġġudika lill-persuna mixlija – huwa marbut mal-kwantum tal-piena li jkun iġorr dak ir-reat li bih ikun ġie mixli l-ġudikabbli skont l-Artikolu 22(2)(a)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk id-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tkun tiddependi minn analiżi tal-fattispeċje tal-każ mgħarbla mill-ottika ta' diversi kriterji li ġew elenkati fir-Raba' Skeda tal-imsemmi Kapitolu u li l-Avukat Ġenerali jkun irid jistħarreġ l-eżistenza u l-entita tagħhom fil-każ partikolari meta jiġi biex joħroġ l-ordni hawn fuq imsemmi.

6. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(2)(a) u (b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jimxu id f'id ma' dawk l-artikoli tal-Kodiċi Kriminali li jiddeterminaw il-kompetenza li għandha tkun vestita fil-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali ovveru l-Artikoli 370 u 436 tal-Kodiċi Kriminali.

7. Dan l-eżerċizzju tad-determinazzjoni dwar liema Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandu jkollha l-ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi każ istitwit taħt id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 ossija wkoll il-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta huwa eżerċizzju dinamiku tant illi fl-appell kriminali **Mifsud**, ġie wkoll mistqarr li filwaqt li jkun spedjenti li l-Avukat Ġenerali jistabbilixxi sa mill-bidu tal-proċeduri liema hija l-Qorti magħżula sabiex tiddeċiedi l-kawża wara l-għeluq tal-kumpilazzjoni, huwa jista' wkoll...

> Effettivament, jidher illi strettament, l-Avukat Ġenerali jekk irid, **jista' jistenna l-eżitu tal-kumpilazzjoni biex jiddeċiedi**[5] jekk l-imputat jiġix ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew mill-Qorti Kriminali....

8. L-istess appell kriminali stabbilixxa li żball li jsir fl-ordni maħruġ mill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u pendenti l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja jista' jiġi korrett:

> ...sa kemm kien għad hemm il-fakolta' tal-Avukat Ġenerali li jirrinvia l-atti lil dik il-Qorti, kellu ukoll il-fakolta' li jippreċiża u jikkoreġi l-ineżattezzi kollha li kien hemm f'dik l-ordni tiegħu.

[4] Jew taħt il-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Hawnhekk il-Qorti sejra tiffoka fuq il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex is-sustanzi illeċiti mertu tal-kawża in diżamina huma regolati taħt din tal-aħħar.
[5] Enfasi miżjuda.

9. B’hekk żball li jiġi korrett fl-istadju opportun ma jwassalx għan-nullita’ tal-proċedura penali meħuda daqskemm l-istess ordni ma jitqiesx li jkun difettuż.

10. L-akkużat jilmenta wkoll li tali korrezzjoni ma kienetx possibbli ai termini tal-Artikolu 175(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta in kwantu din id-dispożizzjoni ma ssibx applikazzjoni f’dan il-kuntest legali.

11. Issa l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta imbagħad jgħid hekk:

> (1) Il-qorti tista’, f’kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta’ waħda mill-partijiet, wara li tisma’ meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta’ xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta’ waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta’ fatt jew ta’ dritt ukoll permezz ta’ nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.
>
> (2) Kull qorti fi grad ta’ appell tista’ wkoll tordna jew tippermetti, f’kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-tweġiba, kif ukoll kull żball fl-isem tal-qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f’daktal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata:
>
> Iżda kull qorti fi grad ta’ appell tista’ tordna wkoll korrezzjonijiet fis-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza ukorrezzjonijet oħra li l-qorti fi grad ta’ appell tqis li huma ġustifikati fl-atti ġudizzjarji fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri fl-appell sa meta l-appell jitħalla għas-sentenza, fuq talba ta’ xi waħda mill-partijiet, u wara li tagħti lill-partijiet l-opportunità li jinstemgħu:
>
> Iżda wkoll qorti fi grad ta’ appell tista’ tordna wkoll korrezzjonijiet f’sentenza li tkun ingħatat minnha wara li jkun sarrikors preżentat minn waħda mill-partijiet fi żmien tletin ġurnatamid-data tas-sentenza.
>
> (3) Il-qorti tista’, sa dakinhar li tagħti s-sentenza u taqta’ l-kawża, tordna minn jeddha li tissewwa kull omissjoni jew żball ġudizzjarju jew amministrattiv f’att ġudizzjarju.[6]

[6] Dan l-artikolu 175(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta jrid jinqara fil-kuntest ta’, u flimkien mal-artikolu immedjatament qablu:

12. Huwa minnu li l-proċedura penali hija mfassla għall-ħtiġijiet partikolari marbuta mal-eżerċizzju tal-azzjoni penali. Fil-fatt l-att ġudizzjarji li jiġu preżentati fil-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali huma kemxejn differenti minn dawk li l-professjonista legali jkun imdorri jħaddem u jippreżenta quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja Ċivili. Huwa preċiżament għalhekk li l-artikolu 520(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali jirrendi applikabbli għall-proċedimenti kriminali d-disposizzjonijiet tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bil-premessa, jekk mhux ukoll caveat li, dak l-artikolu hekk japplika ħlief fejn ikun xort'oħra provdut fil-Kodiċi Kriminali u li jkun jgħodd mutatis mutandis għall-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali.

13. L-Ordni mogħti mill-Avukat Ġenerali fis-sensi tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa Ordni sui generis. Fl-appell kriminali **George Mifsud** ġie bl-iżjed mod ċar mistqarr illi:

> Il-funzjoni ta' l-Avukat Generali ai termini ta' l-artikolu 22 (2) tal-Kap. 101 tidhol fix-xena mhux bhala pre-rekwizit biex jigu istitwiti proceduri penali, bhalma huwa l-kaz ta', per ezempju, l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju fejn il-ligi trid u timponi illi qabel ma jkunu jistghu jinbdew il-proceduri, huwa rikjest sine qua non il-permes jew l-awtorizzazzjoni ta' l-Avukat Generali, izda bhalapre-rekwisit ghal dik li hija x-xelta ta' liema Qorti sejra tiggudika lill-imputat jew akkuzat skond il-kaz. Dak li l-artikolu 22(2) tal-Kap, 101

---

174.(1) Kull skrittura għandu jkun fiha –

(a) l-isem tal-qorti u tas-sezzjoni tagħha li fiha tiġi ppreżentata l-iskrittura, u, fil-każ tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), l-indikazzjoni tal-kompetenza tal-qorti;
(b) l-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra tagħha l-iskrittura ssir, u, meta hu l-każ, l-isem li fihjidhru l-partijiet:
Iżda f'kull każ imsemmi fis-subartikolu (1) tal-artikolu 181 ikunu biżżejjed li tissemma' l-kariga tal-parti li tippreżenta jew li kontra tagħha tiġi ppreżentatal-iskrittura, skont il-każ;
ċ) l-isem tal-iskrittura; u
(d) jekk l-iskrittura tkun tirreferixxi għal kawża ġa mressqa f'waħda mill-qrati superjuri, in-numru tar-rikors ġuramentat li għalihom tkun tirriferixxi.

(2) Kull skrittura jew att ieħor li għandhom jiġu notifikati, għandu jkollhom magħhom:
(a) in-numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu, jekk ikun il-każ, jekk il-persuna qed tagħmel it-talba fil-kapaċità tagħha;
(b) in-numru ta' reġistrazzjoni jekk il-persuna li qed tagħmel it-talba hija soċjetà jew kumpannija reġistrata skont l-Att dwar il-Kumpanniji;
(ċ) indikazzjoni xierqa u sħiħa tal-post ta' residenza jew tan-negozju tal-parti li qed tagħmel it-talba u l-indirizz professjonali tal-avukat u, jew tal-prokuratur legali tagħha;
(d) indikazzjoni xierqa u sħiħa tal-post ta' residenza jew negozju tal-parti li kontriha qed issir it-talba jew l-att;
(e) xi partikolari oħrajn li jistgħu jgħinu għall-identifikazzjoni tal-partijiet imsemmija kif jista' jkun stabbilit bil-liġi jew b' regolament.

jippreciza huwa illi l-Qorti li eventwalment sejratiddecidi l-kaz ta' allegat ksur tad-disposizzjonijiet ta' dak il-Kap, ma jaghzilix l-imputat kif jista' jaghmel prattikament fil-kazijiet kollha kriminali, fejn jista jkun hemm ix-xelta prevista mil-ligi, izda jaghzilha l-Avukat Generali. Fil-Kaz tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Pulizija ghandha dejjem id-diskrezzjoni li tmexxi u tipprezenta lil dak li jkun u takkuzah quddiem Qorti ta' kompetenza kriminali, pero', liema Qorti eventwalement se jkollha l-gurisdizzjoni illi tiddecidi dakil-kaz ma jiddependix mill-Pulizija, anqas mill-akkuzat, imma jiddependi esklusivament mill-Avukat General. Ebda awtorizzazzjoni mill-Avukat Generali m'hija rikjesta mil-ligi biex jinbdew il-proceduri u li dak li hemm previst mil-ligi hija d-diskrezzjoni assoluta ta' l-Avukat General li jiddecidi hu u mhux l-imputat mil-liema Qorti ser jigi ggudikal l-istess imputat. Dik l-ordni kienet tkun rikjesta, u hija effettivament rikjesta mil-ligi, biex f'gheluq il-kumpilazzjoni, jekk ikun kemm bizzejjed provi, il-kawza tigi diretta jew inkanalata quddiem dik il-Qorti illi l-Avukat Generali, jkun stabbilixxa. Effettivament, jidher illi, strettament, l-Avukat Generali jekk irid, jista jistenna sa l-ezitu tal-kumpilazzjoni biex jiddecidi jekk l-imputat jigix gudikat mill-Qorti tal-Magistrati bhalaQorti ta' Gudikatura Kriminali jew mill-Qorti Kriminali u f'dan il-kaz m'hemm hadd izjed li ghandu xelta hlief hu. Sakemm ikun hemm il-fakolta' ta' l-Avukat Generali li jirrinvija l-atti lill-Qorti Istruttorja, l-Avukat Generali jkollu ukoll il-fakolta' li jippreciza u jikkoregi l-inezattezzi kollha li jkun hemm fl-ordni tieghu. L-uzu ta' laqam - fenomenu pjuttost komuni f'Malta mhux biss fost il-generazzjonijiet li ghaddew imma anke fost il-generazzjoni li tiela' - fi proceduri kriminali jista' jkun importanti mhux biss fil-kaz fejn xhud ma jkunx jaf id-dettalji ta' l-isem u l-kunjom ta' l-akkuzat jew ta' si xhud iehor, izda anke f'kazijiet fejn ikun jaf dawn if-dettalji. Ir-raguni hijaovvja, anke ghaliex l-uzu ta' jew ir-referenza ghal, laqam jista' jintuza bhala punt ta' referenzafir-rigward ta' deposizzjonijiet ohra fejn ix-xhud ma jkunx jaf dawk id-dettalji.

14. Dan l-Ordni allura huwa att li jeħtieġ li jsir fil-forma miktuba u li jkun irid jifforma wkoll parti mill-atti ġudizzjarji in kwantu biex ikun suxxettibbli għal korrezzjoni jew preċiżazzjoni, bilfors li jrid ikun hemm evidenza f'xi forma miktuba jew stampata li tkun tista' tiġi korretta jew preċiżata. Għalkemm imsejjaħ Ordni, dan id-dokument redatt mill-Avukat Ġenerali jrid jiġi preżentat fl-atti ta' proċedimenti kriminali quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali. In kwantu tali, għandu jitqies li huwa skrittura għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi proċedurali, nonche att ġudizzjarju in kwantu għandu funzjoni sanċita lilu bis-saħħa ta' Liġi u li huwa meħtieġ għalbiex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tassumi l-ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi azzjoni penali li tkun ġiet jew sejra tiġi istitwita quddiemha.

15. Kif ingħad, fl-appell kriminali **George Mifsud**, ġie dikjarat b'mod ċar u espliċitu li sakemm ikun għad hemm il-proċediment istruttorju, u allura l-Avukat Ġenerali jkun għad għandu l-fakulta li

jirrinvija l-atti lill-Qorti Istruttorja, l-Avukat Ġenerali jkollu wkoll il-fakulta' li jippreċiża u jikkoreġi l-ineżattezzi kollha li jista' jkun hemm fl-Ordni tiegħu. L-indikazzjoni hawnhekk kienet li jista' jagħmel dan fil-kors ordinarju tiegħu tramite n-nota tar-rinviju, li allura tkun l-iżjed metodu faċli u dirett previst mill-Liġi stess bħala mezz ta' kif l-Avukat Ġenerali jidderieġi l-atti tal-istruttorja quddiem il-Qorti Istruttorja. Iżda din is-sentenza ssemmi li sakemm ikun hemm il-fakolta' tal-Avukat Ġenerali li jirrinvija l-atti lill-Qorti Istruttorja, l-Avukat Ġenerali jkollu wkoll il-fakolta' li jippreċiża u jikkoreġi l-ineżattezzi kollha li jkun hemm fl-ordni tiegħu. Din is-sentenza ma tgħidx li tali preċiżazzjoni jew korrezzjoni tkun trid issir esklussivament fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali, iżda li sakemm il-proċess istruttorju jkun għadu miftuħ, l-Avukat Ġenerali jkun jista' jippreċiża jew jikkoreġi l-ineżattezzi kollha li jkun hemm fl-ordni tiegħu. Naturalment din id-deċiżjoni trid tittieħed fl-isfond tal-proċedura penali li kienet teżisti fiż-żmien meta dik is-sentenza ġiet mogħtija.

16. F'dan il-każ l-Avukat Ġenerali għażlet li tagħmel it-talba għall-korrezzjoni tal-Ordni tagħha permezz tar-rikors datat 14 ta' Marzu 2022 meta l-proċedura istruttorja kienet għadha miftuħa. Din it-talba saret in bażi għall-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta reż applikabbli għall-proċedimenti kriminali bl-artikolu 520(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Hu minnu li dan ir-rimedju ma ġiex imsemmi fl-appell kriminali **George Mifsud**. Iżda għal dan hemm spjegazzjoni sempliċi. Is-sostituzzjoni tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kienet daħlet fis-seħħ fl-1 t'Ottubru 1995 u dan l-appell **George Mifsud** kien ġie deċiż fil-5 ta' Frar 1996 fi żmien fejn allura l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif sostitwit kien għadu ma ġiex reż applikabbli wkoll għal proċeduri kriminali.

17. Iżda ġaladarba fiż-żmien meta kienu inbdew dawn il-proċeduri kriminali kontra l-akkużat dan l-artikolu kien ġie applikabbli wkoll għal proċeduri kriminali, ma kienx hemm ostakoli għaliex ma kellux ukoll ikun ritenibbli applikabbli għal dawn il-proċeduri. Li l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa wkoll applikabbli fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali huwa illum ukoll sorrett mill-ġurisprudenza. Fl-appell kriminali **The Republic of Malta vs. Michael Emmanuel** deċiż fit-22 ta' Jannar 2020, ġie mistqarr is-segwenti:

**17**. Also not only was the appeal application filed in the registry of this Court, in its superior jurisdiction, but above all the legislator himself considered that the power to amend written pleadings by the Court should extend also to those acts filed before the courts of criminal jurisdiction, and rightly so. In fact article 520(1)(c) of the Criminal Code provides that article 175 of the Code of Organisation and Civil Procedure is to be made applicable also to the said courts mutatis mutandis. Today, therefore, the said disposition of the law gives this Court the power to carry out those amendments required to written pleadings so as to save them from nullity, wherein article 175(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta reads as follows:

> **"Any court of appellate jurisdiction may also order or permit, at any time until judgment is delivered, the correction of any mistake in the application by which the appeal is entered or in the answer, including any mistake in the indication of the court which delivered the decision appealed from, in the name or character of the parties, or in the date of the judgment appealed from."**
> **Provided that any court of appellate jurisdiction may also order corrections in the judgment of the court of first instance and other corrections that the court of appellate jurisdiction considers to be justified in the acts of the case at any stage of the appeal proceedings until the appeal is adjourned for judgment, at the request of any of the parties, and after granting the parties an opportunity to be heard**

**18**. The *raison d'etre* behind the introduction of article 175 of the Code of Organisation and Civil Proceedings and its applicability to the courts of criminal jurisdiction was expounded in a judgment delivered by this Court in its inferior jurisdiction in the case Il-Pulizija vs Charles Mifsud (15/10/2019) wherein it was decided:

> **"*Illi din l*-emenda kienet daħlet bl-Att XXII tal-2005 li d-dibattiti parlamentari dwaru juru li l-intenzjoni tal-leġislatur, riflessa fl-istqarrijiet magħmula mill-ġja Ministru Dr. Tonio Borg u gia Segretarju Parlamentari Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, kienet li jitħaffu proċeduri ġudizzjarji u jitnaqsu l-formaliżmi żejda. Mid-dibattiti parlamentari relattivi għall-bidla introdotta bl-Att I tal-2018 fir-rigward tal-*applikazzjoni mutatis mutandis ta' dawn id*-disposizzjonijiet għall-*Qrati ta' Ġ*ustizzja Kriminali, jirriżulta li dawn riedu jiġu applikati speċifikament għal dan il-*kuntest penali"***

**19**. The amendment to written pleadings may even be ordered by the Court of its own motion as laid out in subarticle 3 to article 175:

> **"Any judicial or administrative omission or mistake in a judicial act may until the court shall have delivered judgment and disposed of the case be remedied by a court of its own motion."**

**20**. Thus by the powers conferred on this Court by the said disposition of the law, the Court orders that the words "Hon. Madame Justice Dr. C. Scerri

Herrera" in the appeal application under the heading of the said application be erased.

18. Għalhekk, in kwantu huwa att meħtieġ mill-Liġi biex jiġi preżentat f'atti ġudizzjarji, dan l-Ordni tal-Avukat Ġenerali huwa wkoll allura, mutatis mutandis, regolat bl-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta reż applikabbli għall-proċeduri kriminali bis-saħħa tal-artikolu 520(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali.

19. Meta l-Avukat Ġenerali ippreżentat ir-rikors tagħha fl-atti ta' dawn il-proċeduri fl-14 ta' Mejju 2022 sabiex issir korrezzjoni fil-formula adoperata fl-Ordni maħruġ ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-proċeduri fl-ismijiet premessi kienu għadhom fl-istadju tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

20. Għalhekk it-talba għall-korrezzjoni saret in sintonija ma' dak mistqarr fl-appell kriminali **George Mifsud** in kwantu saret fi stadju fejn il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja kienet għadha titolari tal-kumpilazzjoni filwaqt li l-Avukat Ġenerali kien għad għandha l-fakolta' li tirrinvija l-atti lil dik il-Qorti; u fil-kontemp għalhekk skont il-Liġi proċedurali viġenti fiż-żmien meta dan il-każ kien għadu għaddej mill-proċess Istruttorju, l-Avukat Ġenerali kellha l-fakolta' li tippreċiża jew jikkoreġi l-ineżattezzi kollha li jkun hemm fl-Ordni kemm tramite rinviju appożitu daqskemm tramite l-proċedura stabbilita taħt l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta skont kif applikabbli għall-proċedimenti penali bis-saħħa tal-artikolu 520(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali.

21. Huwa deżiderabbli li meta jiġi intavolat rikors taħt l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għall-fini ta' korrezzjoni ta' skrittura jew att ġudizzjarju tiġi notifikata lill-kontro-parti għar-risposta tagħha. Iżda dan irid jittieħed fil-kuntest tan-natura tal-att ġudizzjarju nnifsu. Huwa minnu li f'sistema proċedurali avversarja l-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jagħtu lok lill-partijiet fil-proċediment penali jlisnu l-posizzjoni tagħhom qabel il-Qorti tgħaddi biex tieħu deċiżjoni dwar xi talba jew talbiet li jsirulha. Iżda dan irid jitqies fid-dawl tal-kuntest partikolari li fih dik it-talba tkun qegħda ssir.

22. F’dan il-każ, meta trattasi ta’ talba għal korrezzjoni ta’ Ordni maħruġ skont l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, din il-proċedura trid ukoll titqies mill-lenti tan-natura legali tal-Ordni nonche’ x’vuċi jew rimedju huwa mogħti mill-Liġi lill-ġudikabbli biex jissindaka, jopponi, jikkontesta, jikkonsidra jew jittratta tali Ordni.

23. Il-Liġi ma takkordax jedd lill-ġudikabbli li jagħżel hu quddiem liema Qorti l-każ tiegħu għandu jiġi mismugħ u minn liema Qorti għandu jiġi ġudikat. L-anqas ma jirriżulta li l-Liġi tagħti xi jedd ta’ sindakar, opposizzjoni, kontestazzjoni jew konsiderazzjoni lill-ġudikabbli fir-rigward tal-proċess tal-ħruġ tal-istess Ordni kemm qabel kif ukoll immedjatament wara l-ħruġ tiegħu. Semmai fl-artikolu 22(2A)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Liġi tippreskrivi rimedju lill-akkużat li bih ikun jista’ jwassal lil Qorti Kriminali li tissindaka l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali mogħti bl-Ordni li bih ikun ta d-direzzjoni tiegħu dwar liema Qorti tkun imsejħa tiddeċiedi l-meritu tal-azzjoni kriminali kontra l-akkużat : iżda dan ir-rimedju mhux intiż li jattakka l-Ordni fil-mument tal-ħruġ tiegħu. Dan ir-rimedju jista’ jittieħed mill-akkużat meta tintemm il-kumpilazzjoni jew fi żmien sebat ijiem mid-data li fiha l-akkużat ikun notifikat bl-att ta’ akkuża, f’każ li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja tiddeċiedi li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-akkużat jitqiegħed taħt att ta’ akkuża. Dak ir-rimedju jipprevedi li l-akkużat ikun jista’ permezz ta’ rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Kriminali fi żmien sebat ijiem mit-tmiem tal-kumpilazzjoni, jitlob lill-imsemmija Qorti sabiex tordna li huwa jiġi ġġudikat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti Kriminali għandha, wara li tkun ordnat in-notifika tar-rikors lill-Avukat Ġenerali u tagħtih sebat ijiem biex iwieġeb lura u wara li tkun semgħet is-sottomissjonijiet orali mingħand l-akkużat u l-Avukat Ġenerali, jekk tqis li dan huwa neċessarju, tiddeċiedi quddiem liema qorti l-akkużat għandu jiġi ġġudikat u l-akkużat għandu jiġi ġġudikat skont id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali.

24. Iżda dawk huma l-limiti tar-rimedji disponibbli lill-akkużat ossija ġudikabbli. Ġaladarba l-anqas jirriżulta li l-akkużat għandu xi dritt li jikkontesta dak l-istess Ordni mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta għajr ħlief fil-parametri tar-rimedju previst fl-artikolu 22A(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, isegwi illi n-nuqqas li dan ir-rikors intavolat mill-Avukat Ġenerali sabiex issir korrezzjoni tal-formola adoperata fl-

ordni maħruġa minnu tkun innotifikata lill-akkużat, ma ġġibx xi konsegwenza ta' nullita' tal-Ordni jew tal-proċedura – anke jekk il-Qorti li ħarġitu tkun ordnat in-notifika tiegħu u din ma tkunx saret u wisq anqas il-ġudikabbli jkun wieġeb.

25. Ir-raġuni hija li f'dak l-istadju, kwalunkwe risposta tal-ġudikabbli, proċeduralment ma twassal imkien. Ma hemm xejn li jżomm lill-Avukat Ġenerali mill-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha rifless fil-ħruġ tal-Ordni mill-mument tal-ħruġ tiegħu sal-eventwali għeluq tal-istruttorja jew sa' sebat ijiem mid-data tan-notifika lilu tal-att tal-akkuża.

26. Dan ukoll meta jitqies li skont l-istess artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti li lilha tkun intalbet il-korrezzjoni mhix obbligata li bilfors **<u>tisma'</u>** lill-partijiet, iżda **<u>tista' tagħżel</u>** li tisma' lill-partijiet meta meħtieġ. F'dan il-kuntest, ġaladarba l-Ordni huwa skrittura ossija att ġudizzjarju sui generis maħruġ mill-Avukat Ġenerali u li dwaru l-ġudikabbli ma għandux xi rimedju speċifiku għajr ħlief dak previst mill-Artikolu 22(2A)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-istadji opportuni, ma kienx hemm ħtieġa tassattiva fuq il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja li tordna wkoll in-notifika tar-rikors lill-imputat għar-risposta tiegħu, jew li ladarba dik il-Qorti għażlet li tordna n-notifika ta' dak ir-rikors, tara wkoll li dan jiġi notifikat u/jew imwieġeb skont il-każ. Dan peress li f'dak l-istadju kwalunkwe tweġiba tal-ġudikabbli kienet tkun inkonsegwenzjali.

27. **Għaldaqstant, din l-ewwel eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

28. Illi fit-tieni eċċezzjoni preliminari tiegħu l-akkużat qiegħed jeċepixxi l-inammissibilita' tar-rapport tal-espert Gilbert Mercieca u tad-depożizzjoni tiegħu u kwalsiasi referenza oħra fl-atti għal dak minnu riskontrat u dan stante li dak minnu eżaminat ma ġiex analizzat f'laboratorju akkreditat.

29. Il-Qorti tifhem li din l-eċċezzjoni l-akkużat qiegħed jibbażaha fuq dak preskritt fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31 li daħlet fis-

seħħ fid-29 ta' Marzu 2016 sabiex jirrifletti l-istandards proposti mill-Kunsill Ewropew fid-Deċiżjoni Kwadru 2009/905/JHA (iktar 'il quddiem imsejħa 'Deċiżjoni Kwadru') intiżi li joħolqu armonizzazzjoni fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja fl-istandards li għandhom jiġu segwiti dwar l-analiżi f'laboratorju ta' evidenza forensika b'mod tali li r-riżultanzi forensiċi li jsiru f'laboratorju ta' Stat Membru jkunu jistgħu jiġu utilizzati bħala prova sikura u valida fi proċeduri penali f'kull Stat Membru ieħor. Dan l-istandard ikun jintlaħaq permezz tal-akkreditazzjoni tal-laboratorji skont l-istandard EN ISO/IEC 17025.

30. L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru jirrestrinġi l-iskop tal-applikazzjoni tagħha għal dik l-evidenza forensika li taqa' f'waħda minn dawn iż-żewġ kategoriji:

(a) il-profil tad-DNA; u
(b) data dattiloskopika.[7]

31. In oltre, fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru, hemm definizzjoni ta' dak li għandu jiġi kkunsidrat bħala l-profil tad-DNA u data dattiloskopika **<u>li ma tinkludix fiha wkoll sustanzi illeċiti jew traċċi tagħhom.</u>** B'hekk l-analiżi tas-sustanzi illeċiti ma tinkwadrax ruħha fl-iskop tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

32. F'dan ir-rigward din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża **The Republic of Malta vs. Tiberiu-Mihail Miculescu** deċiża nhar it-22 ta' Settembru 2022, fuq eċċezzjoni preliminari simili għal dik sollevata f'dan il-każ u li kienet titratta proprju l-kwistjoni tal-analiżi ta' droga f'laboratorju li ma kienx ikkreditat intqal:

> The Court here makes references to the decree in the names **The Republic of Malta vs Izuchukwu Morgan Onuorah** where the following was provided:
>
> 'The first Article of the Council Framework Decision 2009/905 JHA on Accreditation of forensic service providers carrying out laboratory activities dated 30th November 200917 stipulates that:
>
> 'The purpose of this Framework Decision is to ensure that the results of laboratory activities carried out by accredited forensic service providers in one Member State are recognised by the authorities responsible for the prevention, detection and investigation of criminal offences as being equally

[7] Dan ir-regolament huwa rifless fir-Regolament numru 3 tal-L.S. 460.31

reliable as the results of laboratory activities carried out by forensic service providers accredited to EN ISO/IEC 17025 within any other Member State.

This purpose is achieved by ensuring that forensic service providers carrying out laboratory activities are accredited by a national accreditation body as complying with EN ISO/IEC 17025.

The Council Framework Decision mentioned above was transposed to Maltese law by means of Subsidiary Legislation 460.31 on the 29th March, 2016. Moreover, Article 2 of the Council Framework Decision and Article 3 of the aforementioned Subsidiary Legislation **both provide that the framework decision shall apply to laboratory activities resulting in DNA-profile and dactyloscopic data, both of which have nothing to do with drugs analysis**.[8] When scientist Godwin Sammut testified before this Court on the 24th March, 2021 he confirmed this when asked by the defence why the laboratory was not accredited:

There is no obligation till to date 2021 jigifieri for the government to accredit any forensic laboratory except for the council decision which states that DNA profiles and dactyloscopic data. The council decision I am referring to in 2009/905/JHA of the 30th November, 2009 which implements and sets out criteria for the government follow this council decision. I have performed a search with the European Union and Malta is in line with this council decision. In fact n 14th May, 2020 the European Union issued a security union to Belgium and Greece who were the only two states from the European Union which had not yet fully transposed and implemented this European Commission decision. However, Malta is in line with this decision, there is no obligation for the Government of laboratory to accredit their laboratory, except for DNA and fingerprints which Malta is line with.'

33. Bl-istess mod, fil-kawża **Christopher Bartolo vs. Avukat tal-Istat**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-22 ta' Ġunju 2021, intqal hekk:

30. Sa fejn jirrigwarda dan l-ilment għalhekk il-Qorti taqbel ma' dak li intqal diġa' minn dawn il-Qrati u cioe' li din il-liġi 'tapplika esklussivament għall-attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika u mhux analiżi ta' droga, u dan kif imfisser fir-regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31. Mhux biss **iżda r-regolament jiddisponi illi dan "l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza**," biex b'hekk l-ammissibbilita` o meno tal-prova li trid issir permezz tar-riżultanzi forseniċi magħmula mill-espert Mario Mifsud għandha issir fit-termini tad-dritt penali fir-rigward.' (ara digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali Onor. Per Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. Appell Numru: 6/2014 Il-Pulizija (Spettur Johann Fenech) -vs Mario Buhagiar tas-26 ta' Ġunju, 2020)'

[8] Enfasi ta' din il-Qorti.

34. Imbagħad ir-regolament 6 tal-L.S. 460.31 jagħmilha ċara li d-dispożizzjonijiet tiegħu **ma jipprekludux l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli proċedurali li japplikaw fil-kamp penali fuq il-valutazzjoni tal-evidenza**. Fil-proċedura penali Maltija, hemm distinzjoni bejn jekk prova tkunx ritenuta ammissibli bħala prova għal li prova tkun ritenuta rilevanti. Fl-appell kriminali superjuri **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah**[9] ġie mistqarr hekk:

> Kull dokument (u kull prova) li permezz tieghu (jew taghha) parti jew ohra tista' taghmel prova ta' dak li gara jew ma garax riferibbilment ghall-«facts in issue» – jigifieri kull dokument (jew prova) li jaghmel (jew taghmel) "more or less probable a fact in issue" – hu (hi) ammissibbli in kwantu relevanti, kemm-il darba ma jkunx hemm xi regola tal-ligi, jigifieri «an exclusionary rule of evidence», li jirrendi dak id-dokument (jew dik il-prova) inammissibbli. **Dan ikompli jsahhah l-osservazzjoni maghmula precedentement illi l-legislatur Malti jimpurtah aktar mir-rilevanza ta' l- evidenza u x'jista' jkun il-kontribut ta' l-istess evidenza ghall-kaz, milli l-forma taghha jew kif l-evidenza tigi akkwistata jew ottenuta. '**

35. Fil-kawża **Il-Pulizija vs. Mario Buhagiar** l-akkużat għamel talba ai termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bażata fuq il-lanjanza li kien sar ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu minħabba li l-analiżi tas-sustanza illeċita misjuba fil-pussess tiegħu ma kinitx saret minn espert nominat mill-Qorti ġewwa laboratorju li għandu l-akkreditazzjoni. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma laqgħetx dit-talba u anzi kkunsidratha vessatorja in kwantu kienet nieqsa minn sisien legali:

> Illi fuq kollox il-ligi li l-appellant jaghmel referenza ghaliha fir-rikors tieghu tapplika esklussivament ghall-attivitajiet tal-laboratorji li jirrizultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika u mhux analizi ta' droga, u dan kif imfisser fir-regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31. Mhux biss izda ir-regolament 6 jiddisponi illi dan "l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza," biex b'hekk l-ammissibbilita` o meno tal-prova li trid issir permezz tar-rizultanzi forsenici maghmula mill-espert Mario Mifsud ghandha issir fit-termini tal-dritt penali fir-rigward.

36. Skont ma jirriżulta mill-atti proċesswali dawn il-proċeduri ilhom għaddejjin sa mis-16 ta' Marzu 2019 u l-analiżi tas-sustanzi illeċiti mill-espert forensiku Gilbert Mercieca saret nhar l-14 ta' Marzu

[9] Deċiża 26 ta' April 2001

2019 skont ma jirriżulta minn foljo 28 tal-atti proċesswali. Din il-Qorti tirrileva li qatt qabel l-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari ma tqajjem dubju mid-Difiża tal-akkużat dwar l-kwalifiċi tal-espert nominat mill-Maġistrat Inkwirenti jew dwar il-ħiliet tiegħu u wisq anqas qatt ma ġew ikkontestati r-riżultanzi tar-rapport tiegħu jew il-livell ta' professjonalita u kompetenza tal-laboratorju li fih ħadem. Dan allavolja l-Leġislazzjoni Sussidjarja li l-akkużat jagħmel referenza għaliha kienet diġa daħlet fis-seħħ meta nbdew il-proċeduri kontra l-akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

37. In oltre, sal-ġurnata ta' din is-sentenza ma jirriżultax li hemm obbligu fuq Malta sabiex it-testijiet fuq sustanzi illeċiti jsiru ġewwa laboratorji akkreditati skont id-Deċiżjoni Kwadru b'hekk ikun ifisser li tali testijiet u konklużjonijiet ma jistgħux jiġu meqjusa bħala difettużi.

38. **Għaldaqstant, din it-tieni l-eċċezzjoni preliminari qiegħda tiġi miċħuda.**

# KONKLUŻJONI

**B'hekk il-kawża qed tiġi differita "sine die" sakemm ikun deċiż xi appell eventwali u/jew sakemm imissha t-turn tagħha biex tinstema' quddiem din il-Qorti bil-ġurati, skond jekk isirx appell minnha jew le.**

**Sadattant l-akkużat jibqa' jgawdi mill-istess kondizzjonijiet għal dak li jirrigwarda l-ħelsien mill-arrest.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**